MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2014

Rikors Numru. 1076/2014

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv Numru 1525/14C fl-ismijiet: -**

**George Zammit et**

**vs**

**Georgina Baldacchino u Emanuel Agius**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tas-sekwestrata Georgina Baldacchino (bil-karta tal-Identita` Numru 184249) datat 15 ta' Ottubru 2014 fejn esponiet: -

Illi l-esponenti giet kolpita b'dan il-mandat ta' sekwestru ghas-somma ta' €23,700.26.

Illi dan il-mandat ta' sekwestru ma kellu qatt jinhareg ghall-imsemmija somma ta' €23,700.26 u dan *in vista* tal-fatt li, b'sentenza moghtija fil-21 ta' Gunju, 2013 (kopja hawn annessa bhala Dok. 'A'), il-Prim'Awla tal-Qorti Civili kkundannat lill-esponenti bhala eredi tad-defunta Georgina Baldacchino biex thallas lis-sekwestranti konjugi Zammit is-somma ta' €13,976.24.

Illi s-sekwestranti konjugi Zammit m'appellawx minn din is-sentenza u lanqas ma pprezentaw appell incidentali in segwitu ghall-appell interpost mill-esponenti u kwindi s-sekwestranti Zammit ma jistghu qatt legalment jippretendu minghand l-esponenti izjed mis-somma ta' €13,976.24.

Illi ghaldaqstant l-effetti ta' dan il-mandat ta' sekwestru ghandhom jigu limitati ghas-somma ta' €13,976.24 u mhux ghas-somma ta' €23,700.26 pretiza mis-sekwestranti Zammit.

Illi, *oltre* dan, f'dan il-mandat ta' sekwestru gew indikati bhala sekwestratarji diversi banek lokali fosthom tliet (3) banek illi maghhom l-esponenti ghandha kontijiet bankarji, wahedha jew *joint* ma' terzi u cioe` Bank of Valletta plc, HSBC Bank Malta plc u Banif Bank plc.

Illi fil-kont bankarju numru 40019192422 li l-esponenti ghandha ma' Bank of Valletta plc (vide Dok. 'B' hawn anness) l-esponenti ghandha flus bizzejjed biex tissodisfa l-ammont indikat mis-sekwestranti Zammit

f'dan il-mandat ta' sekwestru li fl-atti tieghu qed jigi ntavolat dan ir-rikors u ghalhekk il-kontijiet bankarji u/jew investimenti li l-esponenti ghandha mal-banek l-ohra u istituzzjonijiet finanzjarji kollha indikati f'dan il-mandat ta' sekwestru ghandhom jigu liberati mill-effetti ta' dan il-mandat.

Ghal dawn il-motivi l-esponenti titlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha -:

1 Prevja kwalsijasi dikjarazzjoni ohra talvolata mehtiega u necessarja, tiddikjara illi r-rikorrenti sekwestranti m'ghandhom ebda dritt illi jissekwestraw minghand ir-rikorrenti s-somma ta' €23,700.26 izda kellhom biss id-dritt li jissekwestraw is-somma ta' €13,976.24 skont is-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Gunju 2013 (kopja hawn annessa bhala Dok. 'A');

2. Konsegwentement tordna illi l-effetti tal-mandat ta' sekwestru jigu limitati ghall-imsemmija somma ta' €13,976.24;

3. Tiddikjara illi l-imsemmija somma ta' €13,976.24 u fir-realta' anke s-somma effettivament sekwestrata ta' €23,700.26 hija koperta u kawtelata bil-fondi li jinsabu fil-kont bankarju intestat f'isem ir-rikorrenti numru 40019192422 ma' Bank of Valletta plc; u

4. Konsegwentement tiddikjara u tordna illi dan il-mandat ta' sekwestru m'ghandux ikollu izjed effett fuq is-sekwestratarji l-ohra b'mod illi l-kontijiet bankarji illi ghandha r-rikorrenti ma' HSBC Bank Malta plc u Banif Bank plc ghandhom jigu rilaxxjati mill-effetti tal-imsemmi mandat.

Rat ir-risposta ta’ George [KI 374856 M] u Rita konjugi Zammit datata 18 ta’ Novembru 2014 (fol 19) fejn esponew:

Illi Georgina Baldacchino sostniet li dan il-mandat qatt ma kellu jinhareg ghas-somma ta’ €23,700.26.

Il-kreditu tas-sekwestranti kien gie kanonizzat b’sentenza tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili [ippreseduta mill-Imhallef Anthony Ellul fil-21 ta’ Gunju, 2013 (Rikors guramentat 1175/07)]. Illi ghalhekk hu utili li f’dan l-istadju wiehed jara sewwa dak li gie deciz mill-Qorti:

i. “Georgina Baldacchino, werrieta ta’ zewgha, hi responsabbli li thallas lill-atturi s-somma ta’ tlettax-il elf disgha mija u sitta u sebghin ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€13,976.24).

ii. Emmanuel Agius hu responsabbli li jhallas lill-atturi s-somma ta’ disat elef tlett mija u sbatax-il ewro u hamsin centezmu (€9,317.50).

1 Tikkundanna lill-konvenuta Georgina Baldacchino sabiex thallas lill-atturi s-somma ta’ tlettax-il elf disgha mija u sitta u sebghin ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€13,976.24) bl-imghax mid-data tan-notifika (12 ta’ Ottubru 2007) tal-ittra ufficjali prezentata fit-3 ta’ Ottubru 2007.

2 Tikkundanna lill-konvenut Emmanuel Agius sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta’ disat elef tlett mija u sbatax-il ewro u hamsin centezmu (€9,317.50) bl-imghax mid-data tan-notifika (9 ta’ Ottubru 2007) tal-ittra ufficjali prezentata fit-3 ta’ Ottubru 2007.

Salv ghal dak li nghad hawn fuq dwar il-kumplament tal-ispejjez tiddikjara li l-konvenuta Baldacchino ghandha taghmel tajjeb ghal 60% tal-ispejjez tal-atturi u l-konvenut Agius ghandu jaghmel tajjeb ghal 40% tal-ispejjez tal-atturi. L-istess konvenuti ghandhom jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez taghhom galadarba kienu qeghdin jopponu li ghandhom jaghtu xi hlas lill-atturi.

Illi fil-konfront ta' Georgina Baldacchino hemm sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili li ikkanonizzat lis-sekwestranti kredituri tas-sekwestrata Baldacchino fis-somma ta' €13,976.24 bl-imghax mit-12 ta' Ottubru 2007 u 60% ta' l-ispejjez ta' l-atturi (sekwestranti).

Illi dan iwassal li, skont dik is-sentenza, is-sekwestranti huma kredituri tas-sekwestrata Baldacchino fl-ammonti ta' €13,976.24 (sorte), €7,826 (imghax sat-12 ta' Ottubru, 2014) *oltre* l-ispejjez legali ta' 60% - u ghalhekk ilehhaq l-ammont mitlub ta' €23,700.26. L-Appelli Superjuri ma jigux appuntati f'perjodu qasir u ghalhekk l-imghax ser ikompli jizdied sewwa.

Ghalkemm hu veru li din is-sentenza ma tikkostitwixxix *res judicata* minhabba l-intavolar ta' appell minn Agius u Georgina Baldacchino, xorta wahda wiehed irid iqis lis-sekwestranti *prima facie* kredituri tas-sekwestrata. Jekk qatt tezisti kaz ta' *prima facie* zgur li sentenza tal-Qorti tidhol f'dawk il-binarji.

Illi r-rikorrent Baldacchino mhix korretta meta tissottometti li la s-sekwestranti ma appellawx l-ammont ta' €13,976.24 ma jistax jigi awmentat, ghax hemm l-imghax ghaddej u jibqa' ghaddej sas-sentenza finali, liema somma facilment sejra tirdoppja. Ghalhekk issa jista' forsi

jifhem ir-rikorrent kif sekwestrant jista' jitlob il-kawtela ta' somma akbar minn dak dikjarat fis-sentenza.

La hemm kont bankarju li jista' jissodisfa dak l-ammont mitlub, dan ikun sufficjenti.

Dan hu dik li s-sekwestranti ghandhom x'jissottomettu bir-rispett.

Rat li din ir-rikors gie appuntat ghat-trattazzjoni ghas-seduta tat-2 ta' Dicembru 2014.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-2 ta' Dicembru 2014 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Chris Cilia ghar-rikorrenti ezekutata, u Dr. David Farrugia Sacco ghal intimati ezekutanti. Id-difensuri tal-partijiet qabblu li l-ammont kawtelat fil-mandat jigi ridott ghal €15,000, u talbu li jinghata digriet f'dan is-sens, u li l-istess mandat jibqa' veljanti fil-konfront tal-Bank of Valletta p.l.c. bhala sekwestratarju. Il-Qorti ordnat lir-rikorrenti odjerna sabiex fi zmien erbat ijiem (4) tesebixxi kopja legali tal-mandat ta' sekwestru, sabiex l-atti jkunu integri. Il-kawza giet posposta. Meta regghet ssejhet il-kawza deher Dr. Chris Cilia u esebixxa kopja tal-mandat. Il-Qorti halliet ir-rikors ghal digriet kamerali.

Rat id-dokumenti esebiti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Ikkonsidrat li l-mandat ta' sekwestru numru 1525/14 fl-ismijiet "*George u martu Rita konjugi Zammit v Emanuel Agius, Georgina Baldacchino u P & A Baldacchino Limited"*[1] huwa mandat kawtelatorju .

Illi l-partijiet qablu li l-ammont kawtelat jigi ridott ghall-ammont ta' hmistax-il elf euro (€15,000) u jibqa' veljanti biss kontra l-Bank of Valletta p.l.c. bhala sekwestratarju.

Illi l-istess partijiet tramite d-difensuri taghhom talbu li jinghata digriet f'dan is-sens u din il-Qorti qed tilqa' din it-talba.

Ikkonsidrat li r-rikors odjern gie intavolat biss f'isem Georgina Baldacchino u ghaldaqstant id-Digriet li ser jinghata mhuwiex ser jolqot lis-sekwestrati l-ohra imsemmija fuq il-Mandat.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fid-dawl tal-ftehim verbalizzat bejn il-partijiet, qed **tilqa' t-talbiet** u tirrevoka *contrario imperio in parte* l-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 1525/14C fl-ismijiet "*George Zammit et v Emanuel Agius, Georgina Baldacchino u P & A Baldacchino Limited"*[2] billi tillimita l-effetti tal-imsemmi mandat ghall-ammont li qed jigi hawn ridott ghall-hmistax-il elf ewro (€15,000) u dan biss fil-konfront ta' Georgina Baldacchino.

---

[1] Esebit b'nota fit-2 ta' Dicembru 2014
[2] Esebit b'nota fit-2 ta' Dicembru 2014

Konsegwentement tiddikjara u tordna illi dan il-mandat ta' sekwestru in kwantu li jolqot lill-Georgina Baldacchino, jibqa' jkollu effett biss f'idejn il-Bank of Valletta plc bhala sekwestratarju b'mod illi l-kontijiet bankarji illi ghandha r-rikorrenti Baldacchino ma' HSBC Bank Malta plc u Banif Bank plc ghandhom jigu rilaxxjati mill-effetti tal-imsemmi mandat.

Ghall-bqija il-Mandat premess jibqa' validu u veljanti fil-konfront tas-sekwestrati l-ohra Emanuel Agius u P & A Baldacchino Ltd.

Kull parti thallas l-ispejjez taghha.

**Degretat.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------